Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TLETIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 10 ta' Marzu 2010

**Ħin:** Mill-5.45pm sat-7.38pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello (wasal fis-6.15pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar
L-Avukat Trevor De Giorgio

Il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u l-laqgħa bidet.

**1. Korrezzjoni tal-Minuti tat-Tmienja u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tmienja u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 18 ta' Frar 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

1. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg ppropona emenda sabiex tiġi kkoreġuta t-tieni sentenza tan-nota taħt punt numru 1 li tibda "F'dan il-ħin daħal is-Sindku u ħa s-siġġu.", sabiex din taqra "Is-Sindku talab lill-Kunsill biex jgħaddi għal-aktar affarijiet urġenti peres li ser ikollu jitlaq kmieni minħabba f'impenni ta' xogħol.". Il-korrezzjoni għaddiet unanimament. Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iniżjalaw l-korrezzjoni sabiex juru li huwa dokument korrett.

2. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar ippropona li ssir emenda sabiex tiżdied sentenza fit-tarf ta' punt numru 1 taħt "Mill-Minuti" li taqra "Ġie miftiehem li din is-somma flus (ta madwar 6,000 Euro) ma tintmissx sakemm tingħata deċizjoni mill-arbitraġġ." Il-korrezzjoni għaddiet unanimament. Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iniżjalaw l-korrezzjoni sabiex juru li huwa dokument korrett.

3. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg ippropona li ssir emenda sabiex jiżdiedu l-kliem "kif ukoll il-Kunsill m'għandux il-jedd li jimponi tali direttivi fuq propjeta privata." fit-tarf ta' l-aħħar sentenza "Ilment Numru 17010091119941:" Il-korrezzjoni għaddiet unanimament. Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iniżjalaw l-korrezzjoni sabiex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmienja u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill.

Il-Minuti tat-Tmienja u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 18 ta' Frar 2010, kif emendati, kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku J. Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tad-Disa' u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tad-Disa' u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 2 ta' Marzu 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tad-Disa' u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 2 ta' Marzu 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku J. Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 4. Mill-Minuti.

1. Il-Kunsillier G. Borg staqsa kemm kien hemm persuni fuq il-*waiting list* li ma kienux ingħataw invit. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' persuni li tammonta għal-11-il persuna. Il-Kunsillier G. Borg ippropona li l-persuni li jidhru fuq il-lista tal-Kazin San Gabriel jingħataw invit qabel is-Sorijiet Frangiskani. Il-mozzjoni ma ġietx issekondata. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio nnota li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien ġie deċiz li l-postijiet jintlew *on a first come first served basis.*

## 5. Korrispondenza.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-korrispondenza kollha li waslet bejn it-18 ta' Frar 2010 u l-10 ta' Marzu 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ippreżentata li jġib id-data ta' l-10 ta' Marzu 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 224/10:** Il-permess ta' l-ADT dwar *road hump* fi Triq it-Tliet it-Tliet Knejjes ġie nnutat. Il-Viċi-Sindku għandu jara jekk hemmx materjal fil-garaxx biex tkun tista ssir. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-*hump* suppost li ssir ta' l-*asphalt*.

**Ittra Numru 223/10:** L-istima biex tinqala l-palma li mietet fi Triq il-Ferrovija l-Qadima ftit il-bogħod minn Vjal De Paule tammonta għas-somma ta' €295. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kitbet lura biex tipprova tbaxxi l-prezz. Il-Kunsill unanimament approva l-ammont ta' €295 jekk jinkludi kollox inkluz *disposal*.

**F'dan il-ħin wasal is-Sindku.**

**Ittra Numru 213/10:** L-ittra mill-ETC dwar estenzjoni ta' l-iskema tal-Kommunita' ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel illi jirrispondi lill-ETC illi filwaqt li sab lis-Sur Cini tajjeb f'xogħol ta' tindif, illum il-ġurnata jrid persuna li tagħmel xogħol ta' supervizjoni ta' kuntratti biex din il-persuna ddur ir-raħal u tirrapporta lura lill-uffiċċju. Il-Kunsill innota li s-Sur Cini ma jafx jikteb u jaqra għaldaqstant dan ix-xogħol ma jistax jagħmlu.

**Ittra Numru 212/10:** L-istedina għal-laqgħa dwar l-infurzar ġiet innutata. Is-Sindku ma jistax jattendi għaldaqstant ser jattendi l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**Ittra Numru 211/10:** L-ittra mill-OPM dwar skema ta' fondi biex tippromwovi t-turizmu ġiet

innutata. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio qal li huwa attenda għal-laqgħa ta' informazzjoni fil-MEUSAC u ha xi informazzjoni. Il-MEUSAC lesti li jgħinu fil-preparazzjoni ta' l-applikazzjoni jekk nipprezentaw il-materjal sad-9 ta' April 2010 peres li l-applikazzjonijiet jagħlqu fid-19 ta' April 2010. Il-Kunsillier DeGiorgio qal li huwa tkellem mal-MEUSAC dwar il-proġett ta' l-upgrading tal-pjazza u toroq tal-madwar kif jidhru fil-permess ta' *upgrading* li kiseb il-Kunsill mingħand il-MEPA, għax permessi diġa għandu l-Kunsill. Huwa qal li rridu nipprezentaw l-applikazzjoni bħala proġett turistiku, għaldaqstant irid jiġi ppreżentat bħala *heritage trail* biex jikkwalifika u anki jinvolvi aspetti kulturali ta' pajjizi oħra bħal l-attivita' li ser issir ta' Jiem il-Ġonna bil-koperazzjoni ma l-ambaxxata Spanjola, *arts and crafts* li jipproduċu l-imigranti li jgħixu f'Ħal Balzan u anki l-aspett ta' tagħlim li jipprovdu l-Kazini tal-Banda li jistu jkunu miftuħa għat-turisti.

L-applikazzjoni tista tinkludi diversi affarijiet fosthom il-mappa ta' Ħal Balzan li tkun tista titqassam lit-turisti, li diġa qed jaħdem fuqha s-Sur John Pullicino u aktar il-quddiem ikun involut is-Sur Carmel Bezzina, mappa kbira li ssir fil-pjazza li turi l-istess affarijiet li ser turi l-mappa li ser tkun fuq il-karta, tabelli ta' informazzjoni li juru l-*heritage trail* u postijiet bħal lukandi u ristoranti. Trid tkun inkluza lista komprensiva ta' attivitajiet li ġew organizzati fil-lokalita' din is-sena u fis-sena l-ġdida.

Dr. T. Degiorgio qal li biex issir l-applikazzjoni jrid ikun involut il-perit tal-Kunsill. Huwa qal li l-EU tiffinanzja sa 85% ta' l-ispejjes u 15% jrid jipprovdihom il-Kunsill. Dr. DeGiorgio qal li l-15% li jrid jipprovdi l-Kunsill jistaw jiġu mill-Urban Improvement Fund tal-MEPA. Il-Kunsillier Dr. DeGiorgio qal li jrid ikun hemm l-involviment ta' l-NCPE u l-KNPD fl-applikazzjoni u trid tiġi pprezentata ittra mill-MEPA li mhux ser issir ħsara lill-ambjent.

Biex issir l-applikazzjoni rridu permessi tal-MEPA u l-ADT biex jitqiegħdu t-tabelli. Fl-istima jridu jiġu nklużi ukoll spejjes li għandhom x'jaqsmu mal-varar tal-proġett fosthom *billoards*, plakki kommemorattivi, *reception* tal-ftuħ tal-proġett, *press event*.

Dr T. DeGiorgio għandu jistaqsi jekk ir-restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija jistax jiġi inkluz fl-applikazzjoni sabiex jekk ma ningħatawx fondi li diġa applikajna għalihom, inkun xorta nistaw nagħmlu r-restawr tant meħtieġ qabel issir ħsara rreparabbli lill istatwa.

Il-Kunsill unanimament qabel li Dr. T. DeGiorgio għandu jkompli jaħdem biex nissottomettu l-applikazzjoni.

**Ittra Numru 210/10:** Stedina biex nieħdu sehem fil-*Great Spring Show* li jsir f'San Anton fl-1 u t-2 ta' Mejju 2010. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea ser jieħu ħsieb jippreżenta l-qoffa għan-nom tal-Kunsill.

**Ittra Numru 209/10:** Il-permess ta' l-ADT li jirreferi għal-Fra Guzeppe Winebar ġie nnutat. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb jagħmel ix-xogħol meta jkun qed jbiddel il-wiċċ tat-triq.

**Ittra Numru 201/10:** L-ittra dwar il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt ġiet innutata. Il-Kunsillier G. Borg qal li waqt il-laqgħa ġie deċiż li mill-paġament li jmiss l-Kunsilli ta' Birkirkara u ta' Ħ'Attard ser jieħdu l-flus li tilfu fit-tqassim tal-flus li sar fl-aħħar qsim meta kien ġie deċiz li l-flus mis-CCTV ma jkunu nkluzi bħala dħul tal-Kumitat Konġunt.

**Ittra Numru 188/10:** L-ittra mill-AKL dwar sospenzjoni ta' aċċettazzjoni ta' flus li għandhom x'jaqsmu ma' kontravenzjonijiet tal-MEPA ġiet innutata.

**Ittra Numru 182/10:** L-ittra mill-Environmental Landscapes Consortium Ltd dwar għota ta'

qsari fl-okkazjoni ta' Jum l-Mara.

**Ittra Numru 180/10:** Il-permess mill-ADT għal-*traffic management* fil-Wied ta' Ħal Balzan qrib il-*Big Ben Parking Area* ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li kopja tal-permess intbagħat lill-applikant biex ikun jista jagħmel ix-xogħol li talab.

**Ittra Numru 179/10:** L-ittra mill-PTA dwar laqgħa dwar talba biex jitqiegħdu tabelli AKL dwar sospenzjoni ta' aċċettazzjoni ta' flus li għandhom

**Ittra Numru 169/10:** L-ittra mill-Kulleġġ Santa Tereza Primarja Lija-Balzan-Iklin dwar talba għal-għajnuna ġiet innutata. Il-Kunsill innota li ma jistax jgħin aktar peres li diġa ser jagħti *gift voucher* għal-parteċipazzjoni ta' l-iskola f'Jiem il-Ġonna.

**Ittra Numru 166/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar iż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa ġiet innutata.

**Ittra Numru 156/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-użu ta' bexx biex jitneħħa ħaxix ħazin ġiet innutata.

## 6. Diskussjoni dwar l-offerta għax-xiri ta' materjal għal-bankini u wiċċ tat-triq Pjazza Bertu Fenech.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-*file* ta' l-offerta li ntefgħet għax-xiri ta' materjal għal-bankini u wiċċ tat-triq Pjazza Bertu Fenech. Il-Kunsill innota li l-unika offerta li ntefgħet ma pprovdietx materjal simili jew kompattibbli ma dak ezistenti fir-riġward tal-materjal tal-bankini, għaldaqstant il-Kunsill unanimament iddeċieda li ma jaċċettax l-offerta u talab lis-Segretarju Ezekuttiv tagħmel sejħa mill-ġdid għall-offerti bi klawsola li tgħid li l-materjal tal-bankini jrid ikun simili jew kompatibbli mal-materjal li ntuza fuq bankini fl-istess pjazza.

## 7. Konsiderazzjoni ta' Nominazzjonijiet għal-Ġieħ Ħal Balzan.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-file tan-nominazzjonijiet kollha għal-premju Ġieħ Ħal Balzan. Il-persuni li ġew innominati kienu tlieta: George Borg, Ġorġ Grech u Ġorġ Muscat. Il-Kunsill iddiskuta n-nominazzjonijiet u unanimament iddeċieda li jagħti l-unur lill-George Borg peres li għalkemm mhux minn Ħal Balzan ħadem ħafna għar-raħal u sar proġress kbir fil-futbol Balzani. Il-premju ser jiġi pprezentat fil-knisja wara l-quddies li ssir b'tifkira ta' Jum Ħal Balzan.

Il-Kunsill unanimament qabel li din is-sena l-bandiera tal-lokalita' fil-pjazza titella' wara l-quddiesa f'Jum Ħal Balzan.

## 8. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data ta' l-10 ta' Marzu 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €6227.52.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar.

Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 9. Affarijiet Oħra.

1. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk ingħatajniex mill-KMS, lista ta' persuni li jagħmlu pilates classes. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ma kienitx bagħtet talba lill-KMS f'dan ir-riġward.

2. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio staqsa x'kienet id-deċizjoni dwar ħlas ta' taxxa fuq l-*allowance* tal-Kunsilliera. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kienet bagħtet kopja ta' l-*email* bid-deċiżjoni lill kull kunsillier li l-*allowance* hija taxxabbli u li jridu jinfurmawha x'taxxa taqta' permezz ta' formola FS4.

3. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio fakkar fil-ktieb li kien qed jaħseb li jippubblika s-Sur Charles Bezzina u qal li s-Sur Bezzina taħ żewġ kwotazzjonijiet għal-istampar ta' 500 ktieb ta' bejn 250 u 260 paġna li minnhom ser ikun hemm 30 paġna b'ritratti tal-kulur u b&w. Il-kwotazzjonijiet, waħda mingħand id-ditta Veritas Press li tammonta għas-somma ta' €2500 u l-oħra mingħand id-ditta Guttenberg Press li tammonta għas-somma ta' €3200. Il-Kunsillier DeGiorgio nnota li s-Sur Bezzina kien qed jistaqsi jekk il-Kunsill hux lest li jgħin fl-iffinanzjar tal-ktieb.

   Il-Kunsill talab lill-Kunsillier Dr. DeGiorgio biex jara jekk is-Sur Bezzina hux ser jagħti r-*rights* tal-ktieb lill-Kunsill. Jekk ir-risposta hija iva allura l-Kunsill lest li jara x'interess hemm fil-ktieb billi waqt l-attivita' Jiem il-Ġonna jipprovdi formola biex tintela minn min lest li jixtri l-ktieb. Il-ktieb imbad jitqassam lill min jagħti donazzjoni ta' €10. Dr. T. DeGiorgio għandu jagħti risposta qabel Jiem il-Ġonna sabiex nipproċedu bil-materja kif miftiehem.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, il-*budget* ta' Jiem il-Ġonna li jammonta għas-somma ta' €3714.26. Il-Kunsillier G. Borg innota li l-*budget* inqabez minħabba fir-*reception* li ser issir f'Villa Macedonia li ma kienitx maħsuba. Il-Kunsill unanimament qabel li s-somma ta' €214.26 tiġi ffinanżjata mill-*budget* ta' Jum Ħal Balzan.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 7 ta'April 2010 fil-5.30pm.

______________________

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

______________________

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

______________________

Data